Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 419/2018

Il-Pulizija

(Spettur Godwin Scerri)

Vs

Claude Sarsero

Illum 28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Claude Sarsero detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 324076M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-3 ta' Lulju 2018 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs) gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ingurja u/jew hedded lil PS 419 A. Buttigieg persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fit-3 ta' Lulju 2018 ghall-habta tal-16:36hrs gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurja u/jew hedded lil Domenic Cachia bi kliem;
3. U aktar talli ghamel uzu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Domenic Cachia kif ukoll ghall-familjari taghhom sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti Art 383 Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u lliberatu minn kull piena u imputazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Novembru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni; u (2) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, u minflok tghaddi biex issib htija u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi fil-hamsa (5) ta' Novembru 2018, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom hekk kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors;

Illi, a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent jippreciza illi l-aggravju tieghu huwa limitat ghall-ewwel imputazzjoni biss, cioè in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellat mill-imputazzjoni tal-ingurja kontra PS 419 A. Buttigieg, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel dan is-servizz;

Illi l-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat minn din l-ewwel imputazzjoni abbazi tal-fatt illi skont l-Ewwel Qorti, sabiex jissussisti r-reat tal-ingurja, il-kliem irid jigi

komunikat lil terzi u li f'dan il-kaz ma jirrizultax li dan sar peress li ma jirrizultax li kien hemm terzi li assistew ghall-iskambjar ta' kliem bejn l-imputat qua appellat u PS 419;

Illi l-aggravju tal-esponent, li huwa car u manifest, jikkonsisti fil-fatt li minn imkien mil-ligi jew mill-gurisprudenza nostrana ma johrog li biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-kliem ingurjuz kontra ufficjal pubbliku jrid necessarjament jigi komunikat lil terzi jew isir fil-prezenza ta' terzi;

Illi l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali jiddisponi s-segwenti:

> **95.** Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinstab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda b'zewg gradi u ghal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000).

Illi dan ir-reat huwa dak ta' *oltraggio* kif ikkontemplat fil-Kodici Kriminali Taljan. Skont Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale*:

> L'oltraggio non è altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costituttivi, esigendo in più che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo della sua funzione o mentre la esercita. [Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale – II, 12th Edition, 1997, pg. 363.]

Illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali huwa forma ta' ingurja ta' gravità specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku. Il-legislatur ghamel dan ir-reat, u cioè ir-reat ta' ingurja ndirizzata lil ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint mir-reat ta' ingurja ndirizzata lil cittadin komuni

peress li l-ligi trid tiggarantixxi r-rispett dovut lil dawk il-persuni li jirrapprezentaw l-amministrazzjoni pubblika;

Illi l-elementi ta' dan ir-reat hekk kif jirrizulta mill-gurisprudenza nostrana [Pulizija v. Joseph Bonnett, Numru 990/2013 (Qorti tal-Magistrati, 12 ta' April 2016); Pulizija v. Carl Vella, Numru 1356/2011 (Qorti tal-Magistrati, 10 ta' Ottubru 2014)] li jikkwotaw diversi awturi Taljani fosthom lil Crivellari u Antolisei huma s-segwenti:

1. *e' necessaria un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro;*
2. *soggetto passivo del delitto non puo' essere che un pubblico ufficiale;*
3. *l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;*
4. ***vuolsi la presenza del soggetto passivo non e' necessaria la pubblicità**;*
5. *l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;*
6. *l'elemento intenzionale.*

Illi in oltre, gie ritenut ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Vincent DeGaetano nhar is-17 ta' Ottubru 1997, li sabiex jissussisti d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

a) li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku;

b) li jkunu nghadu *officio durante nel contemplatione officii*;

c) li l-kliem jigu profferiti fil-prezenza tal-ufficjal in kwistjoni;

d) li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi; u

e) li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. [Pulizija v. Amante Camilleri (Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Vincent DeGaetano, 17 ta' Ottubru 1997.)]

Illi fil-kaz odjern il-kliem li nghat mill-appellat certament huwa ngurjuz u kien intiz sabiex joffendi lill-persuna ghal min kien indirizzat. In oltre, dan il-kliem kien indirizzat mill-appellat lil PS 419 A. Buttigieg, li huwa ufficjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi dmirijietu;

Illi di più minn imkien ma jirrizulta mil-ligi u mill-gurisprudenza hawn fuq citata li sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-kliem ingurjuz irid jigi komunikat lil terzi bhal ma huwa rikjest fil-kaz tar-reat ta' ingurja li kien ikkontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali [L-artikolu 252 (1) kien jaqra hekk: Kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.], liema reat gie mhassar permezz tal-Att XI tal-2018. Illi skont il-gurisprudenza nostrana, biex ir-reat ta' ingurja li kien ikkontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali seta' jissussisti, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skont il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna - imqar terza persuna wahda - ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata. Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skont il-paragrafu (e) tal-artikolu 339 (1) tal-Kodici Kriminali. [Pulizija v. Emanuel Mifsud, App. Nru. 177/13 DS (Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef David Scicluna, 7 ta' Ottubru 2015.)]

Illi fil-kaz odjern, fl-umli fehma tal-esponent, mhuwiex necessarju li l-kliem ingurjuz jigi komunikat lil terzi jew li jsir fil-pubbliku bhal fil-kaz tar-reat li kien ikkontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Dak li hu necessarju hu li l-kliem ingurjuz ikun inghad direttament lill-ingurjat kif gara fil-kaz odjern meta l-appellat, waqt li kien qieghed jitkellem ma' PS 419 A. Buttigieg fuq il-mobile, beda joffendih bil-kliem 'Foxx kemm ghandek' u 'Foxx l-uniformi li tilbes'. Stante li l-kliem ingurjuz gie ndirizzat lil ufficjal pubbliku, u mhux lil cittadin komuni, il-kliem huwa punit bhala delitt skont l-

artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, u mhux bhala kontravvenzjoni skont il-paragrafu (e) tal-artikolu 339 (1) tal-istess Kodici;

Illi din il-fehma tal-esponent issib sostenn kemm fl-awtur Crivellari, ikkwotat fis-sentenza supracitata, u kemm fl-awtur Francesco Antolisei, liema awturi ma jsostnux li hemm bzonn li jkun hemm xi forma ta' pubblicità tal-kliem ingurjuz sabiex jissussisti r-reat ta' *oltraggio*. Filfatt, Antolisei, filwaqt li jirrimarka x'inhuma l-elementi oggettivi tar-reat ta' *oltraggio*, jghid hekk:

> Il secondo dei requisiti della fattispecie obiettiva dell'oltraggio è data dalla << presenza >> dell'offeso. Se quest'ultimo è assente, il fatto realizzato non potrà che dar luogo al delitto di diffamazione ... Non è necessario, peraltro, un contatto visuale tra l'offensore e il funzionario, essendo sufficiente che questi si trovi a distanza tale da poter udire le parole oltraggiose o percepire direttamente l'atto offensivo.
>
> Terzo requisito obiettivo è, infine, il << nesso funzionale >> e cioè la necessità che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso, il fatto darà luogo al delitto di inguria.
>
> Più precisamente va notato che nell'oltraggio a causa delle funzioni occorre un nesso di casualità tra l'offesa e la funzione. <u>**Non si richiede né la pubblicità del fatto**</u>, né l'attualità della funzione. Anzi, a questo proposito, occorre tener presente che il reato sussiste anche se il pubblico ufficiale abbia già perduto la sua qualità.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellat unikament minhabba l-fatt li l-kliem ingurjuz li nghad mill-appellat ma giex komunikat lil terzi. Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, jekk il-kliem ingurjuz giex komunikat lil terzi jew baqa' bejn l-appellat u l-ufficjal pubbliku, m'ghandu xejn x'jaqsam mad-determinazzjoni dwar jekk l-appellat kienx hati o meno tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih mill-Prosekuzzjoni. Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi dak li riedet tapprezza l-Qorti kien jekk l-appellat

issodisfax l-elementi tar-reat hekk kif jirrizultaw mill-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u mill-gurisprudenza nostrana supracitata, liema elementi, fl-umli fehma tal-esponent, huma sodisfatti;

Illi, dejjem bid-dovut rispett, il-fatt li l-kliem ingurjuz ma giex ikkomunikat lil terzi hija konsiderazzjoni ghal kollox irrelevanti, u l-liberatorja konsegwenti ghaliha hija manifestament "*unsafe and unsatisfactory*". Huwa evidenti li l-Ewwel Onorabbli Qorti interpretat b'mod hazin l-artikolu tal-ligi li jistabbilixxi r-reat meta rritjeniet illi wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat de quo huwa li l-kliem irid jigi komunikat lil terzi;

Illi tenut kont li l-elementi kostituttivi tar-reat de quo gew ampjament ippruvati, u, del resto, huma prattikament inkontestati, kienet biss din l-interpretazzjoni zbaljata tal-ligi li wasslet ghal-liberatorja tal-appellat mill-ewwel imputazzjoni;

Illi abbazi tas-suespost, dan l-umli appell qieghed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) stante illi l-Qorti tal-Magistrati interpretat l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali hazin.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit rilaxxjt minn PC1 J. Sammut u dan spjega li nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju, 2018 waqt li kien dettaljat gewwa l-ghassa tan-Naxxar 'second watch'. Ghall-habta tas-6.30pm Domnic Cachia mar jirraporta l-ghassa li waqt li kien xoghol fir-restaurant San Pawl il-Bahar ircieva telefonata bin-numru 99242377 minghand persuna li jisimha Claude fuq in-numru tieghu 79340811 fejn dan beda jghid li Domnic Cachia li hu residenti fi Flat 1, mar jghidlu li ma kienx hallsu ghal bieb tal-komun u beda jheddu u jghidlu "Jekk tfottili l-proprjeta', noqtlok u beda jghjjat." Domnic Cachia stqarr li hu sid il-pent house ta' l-istess blokka 32, St. Mary Flats, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, Naxxar. Domnic stqarr ukoll li kien qed jipprova ibiegh penthouse, u min ser jixtri din

il-proprjeta' ha jkollu jghamel lift. Domnic kompla jelabora li Claude Sarsero qed jahseb li jekk isir dan il-lift ha tkun qed issirlu hsara fil-proprjeta' tieghu. Domnic kkonferma li Claude hu sid flat 1 fl-istess blokka. B'hekk huwa talab lil PS 419 biex ikompli bl-istharrig.

**PS 419 A. Buttigieg** xehed bl-affidavit li jinsab esebit fl-atti u kkonferma li fit-3 ta' Lulju 2018 gie infurmat minn PC 1 Ryan Sammut li kien mar certu Domnic Cachia jirraporta illi meta aktar kmieni ghall-habta tal-4.30 kien qieghed gewwa Da Rosi restaurant gewwa San Pawl il-Bahar u certu Claude Sarsero kien cempillu fuq il-mobile tieghu u kien heddu bi kliem.

Aktar tard ghal habta tas-6.30p.m huwa cempel lil Claude Sarsero fuq il-mobile tieghu 99242377 fejn wara li infurmah dwar ir-rapport li sar fil-konfront tieghu u talbu biex imur l-ghassa biex ikun jista jkelmu, huwa beda jitkellem dwar il-problema li ghandu ma Domnic dwar xi hsarat li kienu ser isiru minhabba l-installazzjoni ta' lift. Huwa talbu biex imur l-ghassa darb ohra biex jiddiskutu l-problema izda dan beda joffendih bi kliem 'F'oxx kemm ghandek' u 'Foxx l-uniformi li nilbes'.

Rat l-affidavit ta' **Marisa Gauci**, Data Requests Administrator mas-socjeta' Vodafone Malta Limited. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet minn fuq is-sistemi ta-socjeta' Vodafone rrizulta li l-informazzjoni li hija annessa mal-affidavit taghha li giet mmarkata bhala dok MG2. Minn esami tad-dok MG2 jirrizulta li verament saret telefonata li damet 59 sekondi minn fuq il-mobajl numru 99242377 li skond PC1 jghajjat lill-appellant ghal fuq il-mobajl number 79340811 li jghajjat lil Domnic Cachia skond l-affidavit ta' l-istess PC1.

**Amelie Abela**, Legal Counsel mas-socjeta Melita Limited u stqarret li ma kellha l-ebda informazzjoni x'taghti.

**Anthony Bonnici,** Data Requests Administrator mas-socjeta GO stqarr li m'ghandu l-ebda informazzjoni x'jaghti in konnessjoni mat-tahrika li ircieva.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant mhux hati tal-akkuzi kollha fir-rigward tat-tieni u tielet akkuza ghaliex il-proekuzzjoni naqset li tressaq l-ahjar prova u cioe lil Domnic Cachia biex jikkonferma r-rapport li kien ghamel fir-rigward tal-appellant u fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u cioe ta' l-oltragg, gie liberat ghaliex il-kliem ingurjuz li intqal ma gewx komunikati lil terzi.

Illi dan l-appell huwa tal-Avukat Generali u huwa limitat fir-rigward ta' l-ewwel akkuza ghaliex fil-fehma tieghu f'akkuza ta' oltragg mhemmx bzonn li l-kliem ingurjuz jigu mistqarra fil-presenza ta' terzi u lanqas li jigu komunikati lil terzi.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi ghalhekk jehtieg li jigi spjegat ir-reat ta' oltragg kif kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali.

Illi sabiex tissusisti l-akkuza ta' oltragg kif gie konfermat f'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Police vs Emanuel Cassar**[1] deciza nhar it-tnax ta' Dicembru, 1936, u l-ohra **Il-Pulizija vs Joseph Fenech**[2], hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita ta' Ufficjal Pubbliku u filwaqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu.

Dan r-reat huwa dak ta' *oltraggio* kif kontemplat fl-artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita' specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku u cioe' kif jghid Crivellari fil-ktieb tieghu Codice Penali[3] , li:

"*questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa.*"

---

[1] deciza nhar t-tnax ta' Dicembru, 1936
[2] deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 1999.

[3] Vol. 6, pag 213 para 358 (Ediz. 1890)

L-istess awtur izid jghid li:

"*l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa*."

L-element ta' dan r-reat kif jghid Crivellari[4] u kkonfermati fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[5] u kif rilevati mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appel tieghu huma s-segwenti:

1. e necessario un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro;

2. soggetto passivo del delitto non puo essere che un pubblico ufficiale;

3. l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;

4. vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`;

5. l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;

6. l'elemento intenzionale.

Fis-Sentenza fuq citata, l-Qorti tal-Appelli Kriminali qalet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

a. li l-kliem denunzjali bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u

b. li jkunu inghadu officio durante nel contemplatione officii, u

---

[4] ibid.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) -- 17 ta' Ottubru, 1997 (App. Nru. 379/96)

c. li l-kliem jigu profferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia di visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat tal-oltragg, izda dak ta' ingurja komuni, u

d. li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi, u

e. li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.

L-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu skond il-gurisprudenza Taljana hija l-istess u cioe' tinghata l-istess tifsira u interpretazzjoni.

Fil-ktieb Il Codice Penale Italiano Illustrato[6] ta' Giovan Battista Impallomeni taht it-Titolu III para 393 imsejjah Dei delitti contro la pubblica amministrazione jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

"*ma l' inguria, la violenza, le minaccie possono essere commesse contro il pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e disturbato la pubblica funzione*".

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale[7] jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

"*non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione*".

L-istess awtur jaghmel enfasi fuq il-kliem "*la sua funzione*" ghaliex jghid li;

"*e un requisito obbiettivo e nesso funzionale e cioe la necessita che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso il fatto dara' luogo al delitto di inguria*".

---

[6] Vol. II, pag. 222 (Ediz. 1890)

[7] Vol. II, pag. 771 (Ediz. 1977)

Ghalhekk jirrisulta li jrid ikun hemm "*il nesso di casualita tra l'offesa e la funzione*".

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[8]

kompliet telabora u tghid illi:-

"*hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali) cioe dana l-animu ingurjandi, jigi presunt u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kutrarja li intqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dak il-kliem kienu diretti tkun ingurjata cioe bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dak il-persuna.*"

L-eccezzjoni pero', kompliet tghid l-Qorti tal-Appell fis-Sentenza fuq citata, hi "jekk pero' l-kliem ma jkunx per se u mad daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu injgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk l-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux blintenzjoni li joffendu izda, per ezempju b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".

In oltre, fil-kaz **Il-Pulizija vs Emanuel Pace[9]** , il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissussisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li lkliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "officio durante ad contemplazione officii".

Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ingurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jesiztix.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Farrugia[10]** l-Qorti talAppell Kriminali qalet li jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn ufficjal pubblliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke

---

[8] supra Vide footnote no. 3

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)

[10] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) – 16 ta' Frar, 1998 (App. Nru. 194/96)

jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuele Cassar** [11]il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita' ta' ufficjal pubbliku u fil-waqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz tal-oltragg jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni li l-hati joffendi lil ufficjal li jkun, u ghalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni ma hemmx l-oltragg, imma jista' jkun hemm kontravenzjoni ohra.

Illi fil-kaz in desamina l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-appellant tkellem b'mod ingurjuz, billi hedded u insulenta lil Ufficjali tal-Pulizija waqt li dawn kienu jaqdu is-servizz taghhom.

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta u dan mix xhieda ta' PS 419 A Buttigieg li ma gitex kontestata mill-appellant peress li ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt li huwa kien cempel lill-appellant fuq ic-cellulari tieghu 99242377 u nfurmah bir-rapport li allegatament kien ghamel fuqu Domnic Cachia kien talbu biex imur l-ghassa biex ikun jista' jkellmu. Izda minflok ma mar l-ghassa dan beda joffendih bil-kliem 'Foxx kemm ghandek' u 'Foxx l-Uniformi li tilbes'. Ghalhekk m'hemmx dubbju li PS 419 kien cempel lill-appellat *durante officio* u l-appellat kien tkellem hazin u offendih bil-kliem gja fuq rapportati waqt li kien l-ghassa u waqt li kien qed jipprova jaqdi l-funzjonijiet tieghu li jinvestiga ulterjorment ir-rapport li kien ghamel Domnic Cachia.

Illi kif tajjeb oserva l-Avukat Generali fir-rirkros tal-Appell tieghu ghall-esistenza ta' dan ir-reat ma hux necessarju li l-kliem jigu proliferati fil-presenza ta' terzi. Dan l-element kien rikjest taht l-ingurja li kienet issir taht l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali liema reat illum gie abbrogat.

[11] Qorti ta' l-Appell Kriminali – 12 ta' Dicembru, 1936 (Vol. XXIX/iv/593)

Ghaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali fi-sens illi qeda tikkonferma dik il-parti ta-sentenza fejn iddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tieni u tielet akkuza u illiberatu minnhom u tirriformaha fir-rigwara ta-sejba ta' htija fir-rigwaard tal-ewwel akkuza stante li din l-akkuza tirrizulta provata u ghalhekk qeda tikkundanna lill-appelant ihallas multa ta' tmien mitt euro.(€800).

Il-Qorti qed taghti l-fakolta lill-appellant ihallas l-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin euro (€50) ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali l-ewwel pagament huwa dovut mhux aktar tard mit-28 ta' April 2019.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur